# 63. Qatt!

Meta jmutlek xi ħadd
ma terġa’ tarah qatt.
Għal xejn ta’ xejn tittama
li taqla’ dik l-irħama,
u terġa’ tarah ħaj.
Meta jmutlek xi ħadd
ma terġa’ tarah qatt,
qatt, qatt, qatt.

Ja Qatt! kemm inti kiefer,
għandek tat-tigra d-dwiefer,
għandek tat-tigra l-qalb!
Tlabtek biex nara ‘l marti,
għidtlek li wiċċha nsejtu
daqs kemm bkejtu,
għidtlek minuta waħda,
ah le! tagħtinix ċaħda,
weġibtni qatt, qatt, qatt.

Erġajt tlabtek u għidtlek
dan ibni ta’ sitt xhur
ħallietu, darba waħda
ħallih jaraha u mur,
weġibtni qatt qatt qatt.

U mill-bidu tad-dinja
kull min mietlu xi ħadd
ma’ reġa’ lemħu qatt.

Ja Qatt,
qalbek aktar miż-żonqor,
li l-ebda fies ma jonqor,
iebsa;
aktar mil-liġi li torbot
il-kwiekeb ma’ xulxin;
aktar mill-art li tiġbed
il-ħwejjeġ taqqalin;
dik qalbek iebsa ż-żejjed,
iż-żejjed taż-żejjed,

bla ebda mogħdrija,
dejjemija,
bħall-pendlu ta’ l-arloġġ għandha ħoss wieħed,
qatt rieqed:
qatt – qatt: qatt – qatt.